MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2014

Citazzjoni Numru. 178/2014

**Ballut Blocks Services Limited**

**(C-8360)**

**vs**

**Vassallo Construction Limited**

**(C-18936)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat il-25 ta' Frar, 2014, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1. Illi s-socjeta` intimata ghandha ittiha tnax-il elf mitejn sitta u sittin Ewro u tmienja u tmenin centezmu, (€12,266.88), bilanc ta' materjal tal-bini mibjugh u konsenjat lilha mis-socjeta` rikorrenti;

1.2. Illi l-ammont indikat hu cert, likwidu u dovut;

1.3. Illi ghalhekk jikkonkorru l-elementi kollha tal-artikli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta biex il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh stante li s-socjeta` intimata m'ghandha l-ebda eccezzjoni xi tressaq fir-rigward;

1.4. Ilil nonostante li interpellata diversi drabi biex thallas l-ammont dovut, is-socjeta` intimata baqghet indampjenti;

1.5. Illi ghaldaqstant aderiet din il-Qorti biex din:

1.5.1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh kif fuq indikat;

1.5.2. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lil dik rikorrenti l-ammont fuq indikat, bilanc bi prezz ta' materjal tal-bini mibjugh u kkonsenjat lilha fuq inkarigu taghha stess;

1.5.3. Bl-ispejjez kif dedotti fir-rikors guramentat promotur;

2. Rat in-nota tas-socjeta` rikorrenti datata l-15 ta' Mejju, 2014, li permezz taghha irriduciet l-ammont originarjament minnha mitlub ghal ghaxart elef tlett mija u hamsa u disghin Ewro u sitta u sittin centezmu, (€10,395.66), u zammet ferm it-talba taghha ghall-ispejjez;

3. Rat in-nota tas-socjeta` intimata, ukoll datata il-15 ta' Mejju, 2014, li permezz taghha ammettiet it-talba fil-mertu fl-ammont ta' ghaxart elef, tlett mija u hamsa u disghin Ewro, (€10,395.00);

4. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

5. Ezaminat il-korrezzjonijiet inkorsi;

**DECIDE:**

6. Illi in vista tal-ammissjoni tas-socjeta` intimata fuq riferita, (ara paragrafu numru tlieta, (3), aktar qabel), tqis li t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti gew ipprovati u konsegwentement:

6.1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh kif fuq indikat;

6.2. Tikkundanna lis-socjeta` intimata Vassallo Construction Limited biex thallas lis-socjeta` rikorrenti Ballut Blocks Services Limited l-ammont ta' ghaxart elef tlett mija u hamsa u disghin Ewro u sitta u sittin centezmu, (€10,395.66), bilanc minn somma akbar ghall-materjal tal-bini mibjugh u kkonsenjat lill-istess socjeta` intimata fuq inkarigu taghha mis-socjeta` rikorrenti;

6.3. Bl-ispejjez kif dedotti fir-rikors guramentat promotur kontra s-socjeta` intimata fuq riferita;

Onor. Imhallef Silvio Meli

DECIZZJONI FINALI

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------